# MALTA

## 25 sena INDIPENDENTI

1205A

# MALTA
# 25 SENA INDIPENDENTI

KUNĊERT KOMMEMORATTIV
BIEX JIĠU MFAKKRA
L-ARTISTI, IL-KITTIEBA U L-KOMPOŻITURI
LI TAW SEHEMHOM
FIT-TKABBIR TAL-KULTURA MALTIJA

IPPREŻENTAT
MILL-KUMITAT TAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET
FLIMKIEN
MAD-DIPARTIMENT TAL-KULTURA U AMBJENT
MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI
TAĦT IL-PATROĊINJU
TAL-PRIM MINISTRU U S-SINJURA FENECH ADAMI

L-ORKESTRA TAT-TEATRU MANOEL
TAĦT ID-DIREZZJONI TAS-SURMAST
BRIAN SCHEMBRI

DIREZZJONI ARTISTIKA: LINO FARRUGIA

TEATRU MANOEL
12 ta' FRAR 1989

# PROGRAMM

KANTILENA — PIETRU CAXARO

Din il-poeżija li kienet instabet fl-atti tan-Nutar Brandanu de Caxario ġiet imxandra fl-1968 minn G. Wettinger u M. Fsadni fil-Pubblikazzjoni *Peter Caxaro's Cantilena: a Poem in Maltese*. B'din il-poeżija għandna mera ċara ta' kif kien jinkiteb il-Malti fis-seklu ħmistax. Ta' min isemmi li l-għanja nkitbet bil-Malti apposta għalkemm l-atti ta' dak iż-żmien kienu jinkitbu kollha bil-Latin u bl-Isqalli. Brandanu de Caxario, jgħid li "dak li niseġ l-Għanja miktuba żmien twil ilu kien qaribu Pietro de Caxario, filosfu, poeta u oratur". Għalkemm ma nistgħux ngħiduh b'ċertezza assoluta, dan kien l-istess Pietro Caxario li kien ukoll imħallef u ġurat, jew wieħed mill-Ġemgħa tal-Belt ta' l-Imdina.

QARI: CHARLES ARRIGO

CANTATA DA CAMERA — DOMENICO BALZANO

(Circa 1680) — GIOCO A TRISETTE CO' FILLI — (1632 -1707)

*(Alto, 2 Vjolini u 'Basso Continuo')*

*Dan il-kompożitur huwa fost l-eqdem kompożituri Maltin li nafu bihom. Din il-*Cantata da Camera *hija fil-fatt l-eqdem biċċa mużika sekulari (mhux sagra) li nstabet s'issa hawn Malta.*

*Dan it-tip ta' mużika kien ferm popolari fl-Ewropa tas-seklu XVII u ħalla effett fuq l-iżvilupp ta' l-opra lirika.*

*It-test jurina li din hija mużika għal kantant maskili u l-fatt li hija miktuba għal* alto *tikkonferma li Malta kellna l-*castrati.

*Minħabba n-nuqqas ta' dan it-tip ta' vuċi, aħna se nisimgħuha interpretata minn baritonu.*

*It-test huwa spiritu ż ħafna u jirrakkonta dwar l-imħabba u l-logħba tagħha.*

*Il-forma hija tipika u tinkludi serje ta' tlett arji li bejn kull waħda hemm sensiela ta' reċitativi. Hemm ukoll passaġġi strumentali fejn il-vjolini u l-*basso continuo *donnhom jipprovdu preludju u sensiela ta' interludji.*

ARRANĠAMENT: ALEX BORG
MUŻIKA: MILL-ARKIVJI MUŻIKALI TAL-KATTIDRAL, L-IMDINA
SOLISTI: LINO ATTARD (*Baritonu*), GEORGE SPITERI (*Prim Vjolin*), STEPHEN ZAMMIT (*Sekond Vjolin*), FREDDIE TONNA (*Vjolonċell*)

DJALOGI — CAN. G.P. AGIUS DE SOLDANIS

CAN. G.P. AGIUS DE SOLDANIS. Twieled ir-Rabat ta' Għawdex fl-1 ta' Novembru, 1712. Tista' tgħid li Agius de Soldanis huwa l-pijunier fl-istudji tal-lingwistika u l-filosofija Maltija. Minn żgħożitu huwa spikka għall-ħila tiegħu, u bl-għajnuna ta' l-Isqof Mgr. P. Alpheran u ħuh intbagħat fl-Italja fejn laħaq membru ta' diversi akkademji xjentifiċi. De Soldanis kiteb bosta xogħlijiet li għadhom manuskritti, fosthom *Gozo, Antico e Moderno, Sacro e Profano*. F'Ruma ippubblika l-ewwel grammatika tal-Malti *Della lingua Punica Presentemente Usata dai Maltesi*. Ippubblika ukoll *Annone Cartaginesè*, adattazzjoni ta' Plawtu. Xogħlijiet importanti oħra huma *Damma ta Kliem Kartaginis mxerred fel fomm tal Maltin u Għaudein* kif ukoll *Aforismi e Proverbi Maltesi Raccolti e Spiegati in Lingua Italiana*. De Soldanis miet fit-30 ta' Jannar 1770.

JIEHDU SEHEM: JOSETTE CIAPPARA, SIMONE ZAMMIT, STEFANIA MIZZI

## SONATA GĦALL-KORDI (1768) — M. ANĠ. VELLA (1715-1792)

*Is-sonata bħala forma kif nafuha llum għaddiet minn ħafna żviluppi. Nistgħu ngħidu li s-seklu XVIII kien determinanti f'dan il-proċess.*

*Fil-fatt, dak li jitqies bħala l-missier tas-sonata moderna, C.P.E. Bach, għex mill-1714 sal-1788. B'hekk mill-ewwel nindunaw li M'Anġ Vella kien kontemporanju ta' dan il-kompożitur u li din is-sonata turi lil Vella wkoll preokkupat bit-tiftix ta' l-aħjar forom għall-mużika strumentali.*

*Il-lingwaġġ fl-istil galanti, l-introduzzjoni ta' minwetti bħala t-tielet moviment, il-pjan tonali f'relazzjoni ma' l-attentat ta' soluzzjoni ta' problemi ta' forma mużikali – dan kollu juri li Vella bħala kompożitur aġġornat li kellu sehem fil-proċess tal-ħolqien tas-sonata bħala forma klassika per eċċellenza.*

Moviment I: Vivace
II: Andante Cantabile
III: Minuetto
IV: Allegro con spirito

ARRANĠAMENT: PATRI ALBERT BORG
MUŻIKA: MILL-ARKIVJI MUŻIKALI TAL-KATTIDRAL, L-IMDINA

## IL-ĠIFEN TORK — ĠAN ANTON VASSALLO

ĠAN ANTON VASSALLO. Bin Vinċenzo u Marija Vassallo, twieled fis-6 ta' Ġunju 1817. Huwa kien filosfu, storiku u letterat. Il-ktieb tiegħu *Ħrejjef u Ċajt bil-Malti* (1863 u 1895) huwa xogħol umoristiku b'aċċenti satiriċi fuq ċerti aspetti tal-ħajja kontemporanja. Vassallo kiteb ukoll bit-Taljan *Storia di Malta raccontata in compendio*. L-akbar xogħol tiegħu huwa bla dubju ta' xejn *Il-Ġifen Tork*, (1853) poema epiku ta' ħsieb għoli u immaġinazzjoni għanja. Huwa miet fl-1867.

QARI: CHARLES ARRIGO, GODWIN SCERRI

## INEŻ FARRUĠ — ANTON MANWEL CARUANA

ANTON MANWEL CARUANA. Twieled il-Belt fit-22 ta' April 1838,. F'żgħożitu ħadem bħala spiżjar ma' ħuh u wara taħa għan-negozju f'diversi pajjiżi ta' l-Ewropa saħansitra fir-Russja. B'hekk seħħlu jitgħallem bosta ilsna u jagħmilha man-nies. Fost ħbiebu kien igħodd lil Ernest Renan, kittieb akkademiku Franċiż, u lill-President Clement Von Stolberg ta' l-Iżvizzra. Kiteb wieħed mill-isbaħ rumanzi *Ineż Farruġ*, (1889). Fost xogħlijiet oħra fuq il-Malti nsemmu tnejn bit-Taljan *Sull'origine della lingua maltese*, (1896) u *Vocabolario della lingua maltese*, (1903).

QARI: KARMEN AZZOPARDI
JIEHDU SEHEM: VERONICA BORG, ANTHONY ELLUL, VANNI RIOLO, GODWIN SCERRI, MARYANN MUSCAT, LILLIAN PACE, PHILIP MIZZI, SIMONE ZAMMIT, STEFANIA MIZZI, FRANCESCA CHETCUTI, DANIEL BORG BARBOTT, HERMANN BONACI, ALVIANO VALLETTA, MARVIN CAMILLERI, CARL BONACI, JAMES MULHOLLAND, MARTIN GIORDANO, RITA SPITERI, ROMINA BORG, ANTOINETTE BONACI
KITARRIST : AUGUSTO CARDINALI
IL-BELTIN
KOREOGRAFIJA: ANNA LA ROSA
ŻEFFIENA: PATRICIA BORG BARTOLO, RACHEL PIA FORMOSA, PAULA GOUDER ROWENA GRIMA, PETER PAUL BONNICI, FABIAN DE BATTISTA, JO JO GRIMA, DAMIAN STEFFINI

## INTERVALL

## NAZJU ELLUL — Ġ. MUSCAT AZZOPARDI

ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, twieled Ħal-Qormi fl-ewwel ta' Settembru 1853. Huwa kien poeta, rumanzier, ġurnalist, konferenzier, bniedem politiku u kritiku tat-teatru.

Fl-1920 inħatar l-ewwel President ta' l-Għaqda tal-Malti. Huwa kiteb sitt rumanzi oriġinali, *Nazju Ellul*, (1909), *Toni Bajjada*, (1878), *Vicu Mason*, (1881), *Susanna*, (1883), *Ċejlu Tonna*, (1886) u *Ċensu Barbara* (1893). Il-kotba tal-poeżiji tiegħu huma *Ġabra ta' Poeżiji bit-Taljan u bil-Malti*, (1876), *Ħamsin Poeżija*, (1890), u *Ġabra sħiħa ta' Sunetti bi studju fuqhom tal-Kittieb innifsu*, (1956), kiteb ukoll diversi xogħlijiet oħra reliġjużi u traduzzjonijiet mit-Taljan. Muscat Azzopardi miet fl-1927 u baqa' magħruf bħala "Missier il-Letteratura Maltija".

QARI: CHARLES ARRIGO
JIEHDU SEHEM: ANTHONY ELLUL, GODWIN SCERRI, PHILIP MIZZI

## SINFONIJA (1854) NRU. 3 IN RE MAGGIORE — GIUS SPITERI FREMOND (1804 - 1878)

*Mis-seklu XIX, il-mużika sekulari f'Malta kienet tfisser kważi ħaġa waħda – opra Taljana. Dan narawh ċar fix-xogħlijiet ta' diversi kompożituri Maltin ta' dak is-seklu.*

*Din is-sinfonija hija eżempju ċar ta' din l-influwenza u affinità tant, li anke t-terminu* Sinfonia *huwa wżat fis-sens Taljan u għalkemm m'hijiex sinfonija miktuba għal xi opra speċifika, kemm il-forma kif ukoll il-lingwaġġ għandhom aċċent qawwi pittoriku-teatrali.*

*Biex nifhmu aktar din is-sinfonija ta' min jiftakar li din inkitbet fi żmien meta Rossini mhux biss kien famuż iżda diġa kien kiteb kważi kull ma kellu jikteb. Minn naħa l-oħra Verdi diġa kien ħoloq l-opri* La Traviata, Il Trovatore *u* Rigoletto.

ARRANĠAMENT: PATRI ALBERT BORG
MUŻIKA: MILL-ARKIVJI MUŻIKALI TA' L-AGOSTINJANI, IL-BELT

## ĊENSA U Ċ-ĊINE — SIR TEMI ZAMMIT

SIR TEMI ZAMMIT twieled il-Belt Valletta fl-1864. Wara li ħa l-lawrja fil-Mediċina u l-Batterjoloġija ġie maħtur analista tal-Gvern. Zammit baqa' msemmi għall-ħidma tiegħu flimkien ma' Sir David Bruce biex ġie megħlub il-mikrobu tad-deni biered. Temi Zammit baqa' msemmi wkoll għall-interess tiegħu biex jinġabar u jiġi esibit kif imiss il-wirt storiku ta' Malta. Il-ktieb tiegħu dwar l-istorja ta' Malta għad għandu siwi kbir. Temi Zammit kien jinqala' ukoll bħala kittieb ta' qawwa fl-Ilsien Malti. In-novelli tiegħu, li l-biċċa l-kbira minnhom jittrattaw personaġġi raħlin, għandhom qawwa fid-deskrizzjoni u għażla idjomatika mill-aħjar.

QARI: KARMEN AZZOPARDI
JIEHDU SEHEM: JOSETTE CIAPPARA, GODWIN SCERRI, PHILIP MIZZI, LILLIAN PACE, VERONICA BORG, VANNI RIOLO, MARYANN MUSCAT, ANTHONY ELLUL, SIMONE ZAMMIT

## NON OMNIS MORIAR — POEŻIJA VIŻWALI — DUN KARM PSAILA

DUN KARM PSAILA, huwa magħruf f'pajjiżna bħala "Il-Poeta Nazzjonali ta' Malta". Twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871, minn Filippu u Lunzjata, xebba Pisani.

Għal xi żmien għalliem fis-Seminarju, Assistent Bibliotekarju, eżaminatur tal-Malti u t-Taljan, President ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Direttur ta' *Il-Malti* u President Onorarju ta' l-istess Għaqda. Mogħti D. Litt (Hon Causa) fl-1945 u Premju Midalja "Ġużè Muscat Azzopardi" fl-1946, C.B.E. mir-Reġina fl-1956. Pensjoni ex-gratia fl-1957. Awtur ta' poeżiji bit-Taljan, *Foglie d'Alloro*, (1896) u *Liriche*, (1954). Qaleb għall-Malti *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo u *Żewġ Anġli - Inez u Emilja* (1934). L-aqwa poeżiji tiegħu bil-Malti ġew miġbura mit-tabib G. Bonnici fi tliet kotba *X'Emmen il-Poeta* (1939), *X'Ħaseb il-Poeta* (1939) u *X'għamel iżjed il-Poeta* (1940).

Dun Karm miet f'Ottubru 1961 u jibqa' mfakkar mhux biss għax lehhen is-sentimenti patrijottiċi u reliġjużi ta' Malta iżda wkoll għall-prestiġju li ta lill-Ilsien Malti bħala għodda għall-espressjoni letterarja.

QARI: CHARLES ARRIGO
KOREOGRAFIJA: TANYA BAJONA
ŻFFIFNA: THERESA LUNGARO MIFSUD, ALEX SPITERI

## INT SABIĦA O MALTA TAGĦNA — ĠAN ANTON VASSALLO

KANT: SIMONE ZAMMIT, MARYANN MUSCAT
JIEHDU SEHEM: VANNI RIOLO, STEFANIA MIZZI, PHILIP MIZZI
KITARRIST : AUGUSTO CARDINALI

## IL-FIDWA TAL-BDIEWA — NINU CREMONA

A. (NINU) CREMONA D.Litt (Hon. Causa) huwa wieħed mis-sisien ta' l-Ilsien Malti u l-bennej ewlieni ta' l-ortografija ta' l-Għaqda. Megħjun mis-Sur Ġann Vassallo — awtur ta' *Il-Muftieh tal-Chitba Maltija* (1901) u wieħed mill-membri ewlenin ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Cremona fassal u sawwar ir-regoli ta' l-ortografija ġdida, regoli li deħru mitbugħa l-ewwel darba fi ktejjeb *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Twieled Għawdex fis-27 ta' Mejju 1880 u miet hemmhekk ukoll fl-4 ta' Jannar 1972. Kittieb prolifiku ta' xogħlijiet ta' poeżiji, novelli, bijografiji, studji fuq il-folklor, filoloġija u grammatika. Fost l-aħjar insibu *Weraq mar-Riħ* (1932), *Rand u Riħan* (1945) - poeżija u proża letterarja, *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936) u *Ecce Homo* (1952) - drammi, *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* (1937) u bosta xogħlijiet oħra.

JIEHDU SEHEM: LILLIAN PACE, VERONICA BORG, ANTHONY ELLUL

OVERTURE (circa 1890) — MALTA — PAOLINO VASSALLO (1853 - 1920)

*Din l-Overture turi lil Vassallo kemm bħala patrijott li kien konxju mit-taqlib li kien għaddej minn pajjiżna fi żmienu, kif ukoll bħala kompożitur intelliġenti u kapaċi.*

*Wieħed jinnota li f'dan ix-xogħol Vassallo jirnexxilu jibqa' "operistiku" fl-essenza tal-lingwaġġ u anke fil-kontenut drammatiku, iżda fl-istess ħin, mużikalment, jaħseb b'mod sinfoniku. Dan narawh fil-mod ta' kif jiżviluppa l-materjal tematiku fih innifsu, kif dan it-tip ta' żvilupp joħloq il-forma aħħarija ta' din l-Overture, kif ukoll fl-użu kapaċi ta' l-orkestrazzjoni.*

MUŻIKA: MILL-ARKIVJI MUŻIKALI TA' L-AGOSTINJANI, IL-BELT

# INNU MALTI

**KO-ORDINATUR:** Achille Mizzi
**SKRITT:** Trevor Zahra
**RIĊERKA MUŻIKALI:** Joe Vella Bondin
**DIRETTUR TAL-PALK:** Joe Vella
**ASSISTENTI:** Marlene Dimech, Elizabeth Agius Fenech
**XENARJU:** Michael Stroud
**IRTOKK:** Lina Galea Cumbo
**DAWL:** Vanni Laus
**AUDIO:** Joe Bruno
**QARI KUMMENTARJU:** Lino Farrugia
**ASSITENTI TAL-PALK:** Charles Borg, Josef Fenech, Marco Fenech

— • —

**GĦAT-TEATRU MANOEL**
**BILJETTI:** Michelle Muscat
**MASTRUDAXXI:** Manwel Dalli, Frans Mifsud

**HAJR:** Zammit Nurseries, Qormi

## Kumitat taċ-Ċelebrazzjonijiet tal-25 Anniversarju ta' l-Indipendenza:

*President:* Onor. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, Ministru ta' l-Edukazzjoni
*Ko-Ordinatur Ġenerali:* Chev. Paul. J. Naudi
*Membri:* Is-sinjuri: Stephen Sant Angelo, John Camilleri, Godfrey Demarco, Charles Stroud, Achille Mizzi, Frank Mizzi, Ignatius Abela, Dunstan Crockford, Patrick Miller, Saviour Grech, Prof Oliver Friggieri, Perit Joe Dimech, Fr Marius Zerafa.